MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Numru 795/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frans Micallef)**

**vs**

**Emmanuela Di Battista**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Emanuela Di Battista** ta' 54, mart Anthony, bint George Spiteri u Mary Ines *nee'* Calleja, mwielda Birzebbuga, nhar it-23 ta' Dicembru, 1948, residenti 146, Triq Guze' Pace, Hamrun, u detentrici tal-karta tasl-identita' numru 13549M;

Talli fl-Imsida, fit-23 ta' Marzu, 2004, ghall-habta tad-9.00am ikkomettejt serq ta' flus waqt li kont fic-Centru tal-Anzjani, Msida, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur,

liema valur huwa ta' aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1000, bil-persuna u bil-lok;

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputata sabiex il-kaz kontra taghha ikun deciz u trattat bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressqet quddiem din il-Qorti biex twiegeb ghall-akkuza in dizamina wara rapport li sar minn resident fi djar tal-anzjani tal-Msida li kien irrizultalu li naqsulu xi flus wara li kien ra lill-imputata fil-kamra tieghu. L-imputata kienet tahdem bhala casual social assistant fl-istess residenza u wiehed mir-residenti allega li kien ra fil-kamra tieghu bil-wallet tieghu f'idejha. Dan il-wallet kien qieghed fil-komodina u ma kellha l-ebda raguni ghaliex tmiss oggetti fl-istess komodina.

Mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi r-residenti kien rrapport dan il-fatt mas-security officers li malli telghu fil-kamra allega li kienu naqsulu xi flus izda mhux dakinhar tar-rapport.

Ir-residenti spjega lill-Qorti illi fid-data tal-incident kien appena hiereg mill-kamra tal-banju meta ra lill-imputata tiftah il-bieba tal-komodina tieghu u meta staqsieha c'kienet qed taghmel qaltlu li kienet rat zewgt irgiel li ma kienitx taf min huma. Ir-residenti qal li apparti dan ma ra taghmel xejn aktar izda gih suspett li kienet serqitlu l-flus. Huwa qal li fil-pouch gol-komodina kellu bejn hamsin u sittin lira li kien jaf li kienu qieghdin hemm izda wara l-incident mal-imputata dawn ma rahomx aktar. Minkejja dan, meta kontroezaminat, l-imputat qal li fil-komodina kien izomm flus fl-ammont ta' ghaxar liri u flejjex ohra kien izommhom fil-locker li kien imsakkar. Fl-istess deposizzjoni imbaghad jghid li ma jiftakar kemm kellu flus fil-komodina kif ukoll li l-pouch kien normalment izommu

msakkar fil-locker. Stranament, l-istess kwerelant jikkonferma li l-ammont ta' flus li nsterqulu kienu ittiehdu mill-locker msakkar u mhux mill-komodina. Huwa spejga ukoll illi qabel dahal fil-kamra tat-toilet, l-imputata kienet gia qieghed fil-kamra tas-sodda tnaddaf u mhux sabha hemm kif inghatat l-impressjoni qabel.

Il-kwerelant spejga illi huwa kien ghamel diversi rapporti li kienu qed jittihdulu flus mill-locker tieghu. Qal li qatt ma ttihdulu flus mill-komodina izda dejjem mill-locker li jkun msakkar. Minkejja dan, l-amministrazzjoni u ufficjali ta' sikurezza tad-dar xehedu illi dawn ir-rapporti qatt ma kienu segwiti mal-pulizija ghaliex l-kwerelant qatt ma xtaq li tidhol filhom il-pulizija;

Mix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni l-Qorti inghatat l-impressoni illi l-incidenti tas-serq kienu waqfu wara li l-imputata kienet sospiza mir-residenza izda l-kwerelant stess xehed illi wara l-okkazzjoni in dizamina, kien hemm okkazzjoni ohra fejn safa misruq meta hadulu l-wallet bil-flus b'kollox waqt li kien reiqed bil-lejl;

Fl-abbli avukat difensur hareg elementi importanti u strategici biex jiskolpa lill-imputata. Mill-provi jirrizulta illi f'din id-dar kien hemm diversi rapporti ta' serq ta' proprjeta' tar-residenti. Jirrizulta illi l-pubbliku jista' jidhol u johrog liberament waqt il-hiniit normali minghajr. F'okkkazzjoni minnhom, wara li l-imputata kienet sospiza, residenta tal-kamra dik tal-kwerelant sfat derubata meta zewg guvintur kienu dahlu fil-kamra taghha u hadulha xi msielet u gizirana. Jirrizulta ukoll illi kien hemm residenti ohra li ghamlu diversi ilmenti dwar nuqqas ta' flus jew oggetti mil-kmamar taghhom wara li l-imputata kienet sopspiza;

Jirrizulta ukoll illi l-ammont lamentat mill-kwerelant ma jiskorriz il-mitt lira maltin ghalhiex, fl-ahjar ipotesi, f'din l-okkazzjoni partikolorai li ghaliha qed twiegeb l-imputata, kienu naqsu madwar hamsin jew sittin lira maltin u mhux valur ta' aktar minn mitt lira kif allegat;

Illi ghalhekk wara ezami bir-reqqa tal-provi jirrizulta biss fattur wiehed u cioe li l-uniku rabta bejn l-allegat telf ta' flus tal-kwerelant u l-imputata hu li ra tiftah il-bieba tal-komodina tieghu. F'dik il-komodina hu stess jghid li ma jzommx l-ammont ta' flus lamentat. Malli sar ir-rapport lis-security officer, saret tfittxija fuq l-imputata izda ma stab xejn fuqha;

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma illi l-kaz kontra l-imputata mhux pruvat fil-grad rikjest mil-ligi u ghalhekk ma ssibhiex hatja u qed tilliberaha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------